REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/193

tas-17 ta' Novembru 2021

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014 li jistabbilixxi formuli, mudelli u proċeduri standard fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata meta jiġi eżerċitat id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(6), l-Artikolu 36(6) u l-Artikolu 39(5) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2014 ([2]) jistabbilixxi formuli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki għall-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/192 ([3]) introduċa rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014 ([4]). Dawn ir-rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014, u l-formuli u l-mudelli standard stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu aġġornati skont dan. Barra minn hekk, ċerti referenzi ġuridiċi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014 jenħtieġ li jiġu aġġornati sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt.

(3) Huwa meħtieġ li tittejjeb iċ-ċarezza tal-komunikazzjoni dwar il-passaport ta' fergħa. Jenħtieġ għalhekk jiġi speċifikat li l-informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli dwar il-fondi proprji tintalab kemm fil-livell ta' rapportar individwali kif ukoll konsolidat tal-istituzzjoni ta' kreditu, fejn applikabbli u fejn l-informazzjoni fil-livell konsolidat tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari.

(4) Huwa importanti li tiġi żgurata s-sikurezza tad-depożiti u li tittejjeb iċ-ċertezza fattwali u l-affidabbiltà tal-informazzjoni finanzjarja pprovduta mill-istituzzjoni ta' kreditu. Huwa għalhekk meħtieġ li l-istituzzjoni ta' kreditu tinnotifika lill-awtorità kompetenti tagħha dwar it-terminazzjoni ppjanata ta' fergħa. Dik in-notifika jenħtieġ li tistabbilixxi l-miżuri li ttieħdu, jew li qegħdin jittieħdu, biex jiġi żgurat li l-fergħa ma tibqax aktar iżżomm depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura tal-pubbliku wara t-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' dik il-fergħa.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

([1]) ĠU L 176 27.6.2013, p. 338.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2014 tas-27 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar formuli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 254, 28.8.2014, p. 2).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/192 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2014 fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata meta jiġi eżerċitat id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2014 tal-4 ta' Ġunju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata meta jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ĠU L 309, 30.10.2014, p. 1).

(7) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness II biex jikkomunikaw notifika ta' passaport ta' fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti flimkien ma' kopja tan-notifika tal-passaport ta' fergħa u bl-informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli dwar il-fondi proprji bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness III. Tali informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli dwar il-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu li tissottometti n-notifika ta' passaport għandha tiġi nnotifikata kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak konsolidat, fejn applikabbli u disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari.";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness IV biex jinnotifikaw bidla li tikkonċerna terminazzjoni ppjanata tal-operazzjoni tal-fergħa. Fil-każijiet li fihom il-fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu tieħu jew tkun ġabret depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura, l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata għandha tissottometti wkoll dikjarazzjoni li telenka l-miżuri li ttieħdu jew li qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax aktar iżżomm depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura tal-pubbliku permezz tal-fergħa wara t-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' dik il-fergħa.";

(3) l-Annessi I sa VI huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ANNESS

"ANNESS I

Formola għas-sottomissjoni ta' notifika ta' passaport ta' fergħa jew notifika ta' bidla fid-dettalji ta' fergħa

Fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinnotifikaw notifika ta' bidla fid-dettalji ta' fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom biss jimlew il-partijiet tal-formola li jkun fihom informazzjoni li tkun inbidlet.

1. **Informazzjoni tal-kuntatt**

Tip ta' notifika	☐ Notifika inizjali ta' passaport ta' fergħa ☐ Notifika ta' notifika ta' bidla fid-dettalji ta' fergħa
L-Istat Membru ospitanti li fih il-fergħa tkun se tiġi stabbilita:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
L-isem u l-kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu kif disponibbli fir-reġistru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu miżmum mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA):	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
LEI tal-istituzzjoni ta' kreditu:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
L-indirizz tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru ospitanti minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
Il-post prinċipali ta' negozju maħsub tal-fergħa fl-Istat Membru ospitanti:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
Id-data li fiha l-fergħa beħsiebha tibda l-attivitajiet tagħha:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
L-isem tal-persuna ta' kuntatt fil-fergħa:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
Numru tat-telefown:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*
Posta elettronika:	*[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]*

2. **Programm tal-operazzjonijiet**

2.1. *It-tipi ta' negozju previsti*

2.1.1. Id-deskrizzjoni tal-objettivi prinċipali u l-istrateġija tan-negozju tal-fergħa u spjegazzjoni ta' kif il-fergħa se tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.1.2. Id-deskrizzjoni tal-klijenti fil-mira u l-kontropartijiet

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.1.3. Lista tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti bl-indikazzjoni tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju fl-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-bidu maħsuba għal kull attività (preċiża kemm jista' jkun).

Nru	Attività	Attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb tibda twettaq (imla billi tikteb "S")/jew li tieqaf twettaq (imla billi tikteb "Ċ")	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data maħsuba ta' bidu jew ta' tmiem għal kull attività
1.	Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura			
2.	Self li jinkludi, fost l-oħrajn: kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament b'azzjoni ta' rivalsa jew mingħajr, il-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting)			
3.	Leasing finanzjarju			
4.	Servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])			
4a.	Servizzi li jippermettu li jitqiegħdu flus f'kont ta' pagament u l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' pagament			
4b.	Servizzi li jippermettu ġbid ta' flus minn kont ta' pagament u l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' pagament			
4c.	It-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, inkluż trasferiment ta' fondi fuq kont ta' pagament mal-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ta' pagament jew tagħmir ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi ordnijiet permanenti			
4d. *	Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament fejn il-fondi jkunu koperti minn linja ta' kreditu għal utent ta' servizzi ta' pagament: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba			

	— it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ta' pagament jew mezz ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi ordnijiet permanenti			
4e. **	— Ħruġ ta' strumenti ta' pagament — Akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament			
4f.	Rimessa ta' flus			
4 g.	Servizz ta' bidu ta' pagament			
4 h.	Servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet			
5.	Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament (pereżempju travellers' cheques u bankers' drafts) sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt 4.			
6.	Garanziji u impenji			
7.	Negozjar akkont proprju jew akkont tal-klijenti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:			
7a.	— Strumenti tas-suq monetarju (eż. ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu)			
7b.	— Kambju barrani			
7c.	— Futuri finanzjarji u opzjonijiet			
7d.	— Strumenti tal-kambju u tar-rata tal-imgħax			
7e.	— Titoli trasferibbli			
8.	Parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provvista ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ			
9.	Pariri lill-impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istrateġija industrijali u kwistjonijiet u pariri relatati kif ukoll servizzi relatati mal-fużjonijiet u x-xiri ta' impriżi			
10.	Senserija ta' flus			
11.	Ġestjoni tal-portafoll u konsulenza dwar tali ġestjoni			
12.	Kustodja u amministrazzjoni ta' titoli			
13.	Servizzi ta' referenza ta' kreditu			
14.	Servizzi ta' kustodja sikura			
15.	Ħruġ ta' flus elettroniċi			

(1) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

* L-attività msemmija fil-punt 4d tinkludi l-għoti ta' krediti f'konformità mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366?

☐ iva ☐ le

** L-attività msemmija fil-punt 4e tinkludi l-għoti ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366?

☐ iva ☐ le

2.1.4. Il-lista tas-servizzi u l-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti, u li huma previsti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), meta ssir referenza għall-istrumenti finanzjarji previsti fit-Taqsima C tal-Anness I ta' dik id-Direttiva

Strumenti finanzjarji	Servizzi u attivitajiet tal-investiment									Servizzi anċillari						
	A 1	A 2	A 3	A 4	A 5	A 6	A 7	A 8	A9	B 1	B 2	B 3	B 4	B 5	B 6	B 7
C1																
C2																
C3																
C4																
C5																
C6																
C7																
C8																
C9																
C10																
C11																

Nota 1:

L-intestaturi tar-ringieli u l-kolonni huma referenzi għat-taqsima u n-numri tal-entrati fl-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE (eż. A1 jirreferi għall-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I)

2.2. *L-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa*

2.2.1. Id-deskrizzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa, inklużi l-linji ta' rappurtar legali u funzjonali u l-pożizzjoni u r-rwol tal-fergħa fi ħdan l-istruttura korporattiva tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

Id-deskrizzjoni tista' tiġi appoġġata minn dokumenti rilevanti, bħal organigramma

(1) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

2.2.2. Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern tal-fergħa, inkluża l-informazzjoni li ġejja:

2.2.2.1. Proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju tal-fergħa u dettalji dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni, u fejn applikabbli, tal-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.2.2. Kwalunkwe limitu li japplika għall-attivitajiet tal-fergħa, b'mod partikolari għall-attivitajiet ta' self tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.2.3. Id-dettalji ta' arranġamenti ta' awditjar intern tal-fergħa, inklużi d-dettalji tal-persuna responsabbli għal dawn l-arranġamenti u, fejn applikabbli, id-dettalji tal-awditur estern

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.2.4. L-arranġamenti kontra l-ħasil tal-flus tal-fergħa inklużi dettalji dwar il-persuna maħtura biex tiġi aċċertata konformità ma' dawn l-arranġamenti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.2.5. Il-kontrolli fuq l-esternalizzazzjoni u arranġamenti oħra ma' partijiet terzi b'konnessjoni mal-attivitajiet imwettqa fil-fergħa li huma koperti mill-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.3. Fejn il-fergħa hija mistennija twettaq wieħed jew aktar mis-servizzi ta' investiment u l-attivitajiet definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt(2), tad-Direttiva 2014/65/UE, deskrizzjoni tal-arranġamenti li ġejjin:

2.2.3.1. L-arranġamenti għas-salvagwardja tal-flus u l-assi tal-klijenti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.3.2. L-arranġamenti għal konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2014/65/UE u l-miżuri adottati skont dawn mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru ospitanti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.3.3. Il-kodiċi ta' kondotta intern inklużi l-kontrolli fuq negozjar akkont personali

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.3.4. Id-dettalji tal-persuna responsabbli biex tittratta lmenti dwar is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.3.5. Id-dettalji tal-persuna maħtura sabiex taċċerta l-konformità mal-arranġamenti tal-fergħa rigward servizzi u attivitajiet ta' investiment

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.2.4. Id-dettalji ta' esperjenza professjonali tal-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.3. *Informazzjoni oħra*

2.3.1. Il-pjan finanzjarju li fih previżjonijiet tal-karta bilanċjali u tar-rapport tal-introjtu, għal perjodu ta' tliet snin inklużi s-suppożizzjonijiet sottostanti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta bħala dokument mehmuż man-notifika

2.3.2. L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti tal-Unjoni u tal-iskemi ta' protezzjoni tal-investitur fl-Istat Membru li tagħhom l-istituzzjoni tkun membru u li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi tal-fergħa, flimkien mal-kopertura massima tal-iskema ta' protezzjoni tal-investituri

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.3.3. Dettalji tal-arranġamenti tal-IT tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

ANNESS II

Formola għall-komunikazzjoni ta' notifika ta' passaport ta' fergħa

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari:

Isem id-dipartiment rilevanti:

L-indirizz tal-posta elettronika ġenerali tad-dipartiment rilevanti (jekk jeżisti):

Isem il-persuna ta' kuntatt:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

Ref:

Il-komunikazzjoni ta' notifika ta' passaport ta' fergħa

[Il-komunikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem u l-kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu kif disponibbli fir-reġistru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu miżmum mill-EBA;

— il-LEI tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— id-dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li twettaq attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data li fiha tiġi riċevuta n-notifika ta' passaport ta' fergħa li jkun fiha informazzjoni vvalutata bħala kompluta u korretta;

— l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-fergħa;

— l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti tal-Unjoni u tal-iskemi ta' protezzjoni tal-investitur li tagħhom l-istituzzjoni tkun membru u li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi tal-fergħa.]

[Dettalji tal-kuntatt]

ANNESS III

Formola għall-komunikazzjoni tal-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u r-rekwiżiti tal-fondi proprji

1. **Ammont u kompożizzjoni tal-fondi proprji fil-livell individwali u fil-livell konsolidat (fejn applikabbli u disponibbli)**

Isem l-istituzzjoni ta' kreditu: _____

Data ta'referenza (Livell individwali): _____

Data ta' referenza (Livell konsolidat – fejn applikabbli u disponibbli): _____

Entrata Ir-referenzi kollha huma għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])	**Livell individwali** **Ammont** (f'EUR miljun)	**Livell konsolidat (fejn applikabbli u disponibbli)** **Ammont** (f'EUR miljun)
Fondi proprji L-Artikolu 4(1), il-punt (118), u l-Artikolu 72	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014* ([2])]	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Kapital tal-Grad 1 L-Artikolu 25	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 015 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 015 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni L-Artikolu 50	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 020 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 020 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Kapital tal-Grad 1 addizzjonali L-Artikolu 61	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 530 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 530 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Kapital tal-Grad 2 L-Artikolu 71	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 750 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 750 fil-Mudell 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

2. **Rekwiżiti ta' fondi proprji**

Isem l-istituzzjoni ta' kreditu: _____

Data ta'referenza (Livell individwali): _____

Data ta' referenza (Livell konsolidat – fejn applikabbli u disponibbli): _____

Entrata Ir-referenzi kollha huma għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	**Livell individwali** **Ammont** (f'EUR miljun)	**Livell konsolidat (fejn applikabbli u disponibbli)** **Ammont** (f'EUR miljun)
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju L-Artikoli 92(3) u l-Artikoli 95, 96 u 98	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju tar-riskji tal-kreditu, tal-kreditu tal-kontroparti u ta' dil-wizzjoni u konsenji bla ħlas L-Artikolu 92(3), il-punti (a) u (f)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 040 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 040 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal saldu/konsenja L-Artikolu 92(3), il-punt (c)(ii), u l-Artikolu 92(4), il-punt (b)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 490 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 490 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tar-riskji ta' pożizzjoni, tal-kambju barrani u tal-komoditajiet L-Artikolu 92(3), il-punti (b)(i), (c)(i) u (c)(iii), u l-Artikolu 92(4), il-punt (b)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 520 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 520 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*

Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali L-Artikolu 92(3), il-punt (e), u l-Artikolu 92(4), il-punt (b)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 590 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 590 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammont addizzjonali tal-iskopertura għar-riskju minħabba l-ispejjeż ġenerali fissi L-Artikolu 95(2), l-Artikolu 96(2), l-Artikolu 97 u 98(1), il-punt (a)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 630 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 630 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għall-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu L-Artikolu 92(3), il-punt (d)	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 640 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 640 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju marbut ma' skoperturi kbar fil-portafoll tan-negozjar L-Artikolu 92(3), il-punt (b)(ii), u l-Artikoli 395 sa 401	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 680 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 680 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*
Ammonti ta' skoperturi għar-riskju oħra L-Artikoli 3, 458, 459 u 500 u l-ammonti ta' skoperturi għar-riskju li ma jistgħux jiġu assenjati f'waħda mill-entrati l-oħra ta' din it-tabella	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 690 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*	*[data kif irrappurtata fir-ringiela 690 fil-Mudell 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014]*

ANNESS IV

Formola għan-notifika ta' bidla li tikkonċerna terminazzjoni ppjanata tal-operazzjoni ta' fergħa

Isem il-persuna ta' kuntatt fl-istituzzjoni ta' kreditu jew fergħa:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

[Ref:]

Sottomissjoni ta' bidla li tikkonċerna terminazzjoni ppjanata tal-operazzjoni ta' fergħa

[In-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem u l-kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu kif disponibbli fir-reġistru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu miżmum mill-EBA;

— il-LEI tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— l-isem tal-fergħa fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti;

— l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— id-dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li tittermina l-operazzjoni tal-fergħa fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti u d-data sa meta t-terminazzjoni se tkun effettiva;

— l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni li se jkunu responsabbli mill-proċess tal-itterminar tal-operazzjoni tal-fergħa;

— l-iskeda ta' żmien stmata għat-terminazzjoni ppjanata;

— informazzjoni dwar il-proċess tal-itterminar tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-klijenti tal-fergħa.]

— fil-każijiet li fihom il-fergħa tipprovdi l-attività N. 1 (Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura) taħt it-Taqsima 2.1.3 tal-Anness I, dikjarazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu li tindika l-miżuri li ttieħdu jew qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat li l-fergħa ma tibqax aktar iżżomm depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura tal-pubbliku permezz tal-fergħa wara t-terminazzjoni tal-operazzjoni ta' dik il-fergħa.

[Dettalji tal-kuntatt]

ANNESS V

Formola għas-sottomissjoni tan-notifika ta' passaport tas-servizzi

1. **Informazzjoni tal-kuntatt**

Tip ta' notifika	Notifika ta' passaport tas-servizzi
L-Istat Membru ospitanti li fih l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq l-attivitajiet tagħha:	
Isem u kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu kif disponibbli fir-reġistru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu miżmum mill-EBA:	
LEI tal-istituzzjoni ta' kreditu:	
Indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-istituzzjoni ta' kreditu:	
Isem il-persuna ta' kuntatt fl-istituzzjoni ta' kreditu:	
Numru tat-telefown:	
Posta elettronika:	

2. **Lista tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti bl-indikazzjoni tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-bidu maħsuba għal kull attività (preċiża kemm jista' jkun)**

Nru	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq (imla billi tikteb "X")	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data maħsuba ta' bidu għal kull attività
1.	Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura			
2.	Self li jinkludi, fost l-oħrajn: kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament b'azzjoni ta' rivalsa jew mingħajr, il-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting)			
3.	Leasing finanzjarju			
4.	Servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])			
4a	Servizzi li jippermettu li jitqiegħdu flus f'kont ta' pagament u l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' pagament			
4b	Servizzi li jippermettu ġbid ta' flus minn kont ta' pagament u l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' pagament			

4c	It-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, inkluż trasferiment ta' fondi fuq kont ta' pagament mal-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ta' pagament jew tagħmir ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi ordnijiet permanenti			
4d *	Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament fejn il-fondi jkunu koperti minn linja ta' kreditu għal utent ta' servizzi ta' pagament: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ta' pagament jew mezz ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi ordnijiet permanenti			
4e **	— Ħruġ ta' strumenti ta' pagament — Akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament			
4f	Rimessa ta' flus			
4 g	Servizz ta' bidu ta' pagament			
4h	Servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet			
5.	Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament (pereżempju travellers' cheques u bankers' drafts) sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt 4			
6.	Garanziji u impenji			
7.	Negozjar akkont proprju jew akkont tal-klijenti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:			
7a	— strumenti tas-suq monetarju (eż. ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu)			
7b	— kambju barrani			
7c	— futuri finanzjarji u opzjonijiet			
7d	— strumenti tal-kambju u tar-rata tal-imgħax			
7e	— titoli trasferibbli			
8.	Parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provvista ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ			
9.	Pariri lill-impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istrateġija industrijali u kwistjonijiet u pariri relatati kif ukoll servizzi relatati mal-fużjonijiet u x-xiri ta' impriżi			
10.	Senserija ta' flus			
11.	Ġestjoni tal-portafoll u konsulenza dwar tali ġestjoni			
12.	Kustodja u amministrazzjoni ta' titoli			

13.	Servizzi ta' referenza ta' kreditu			
14.	Servizzi ta' kustodja sikura			
15.	Ħruġ ta' flus elettroniċi			

([1]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

* L-attività msemmija fil-punt 4d tinkludi l-għoti ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366?

☐ iva ☐ le

** L-attività msemmija fil-punt 4e tinkludi l-għoti ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366?

☐ iva ☐ le

3. **Il-lista tas-servizzi u l-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti, u li huma previsti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, meta ssir referenza għall-istrumenti finanzjarji previsti fit-Taqsima C ta' dak l-Anness**

Strumenti finanzjarji	Is-servizzi u l-attivitajiet tal-investimenti									Servizzi anċillari						
	A 1	A 2	A 3	A 4	A 5	A 6	A 7	A 8	A9	B 1	B 2	B 3	B 4	B 5	B 6	B 7
C1																
C2																
C3																
C4																
C5																
C6																
C7																
C8																
C9																
C10																
C11																

Nota 1:

L-intestaturi tar-ringieli u l-kolonni huma referenzi għat-taqsima u n-numri tal-entrati fl-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE (eż. A1 jirreferi għall-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I)

ANNESS VI

Formola għall-komunikazzjoni tan-notifika ta' passaport tas-servizzi

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari:

Isem id-dipartiment rilevanti:

L-indirizz tal-posta elettronika ġenerali tad-dipartiment rilevanti (jekk jeżisti):

Isem il-persuna ta' kuntatt:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

Ref:

Il-komunikazzjoni ta' notifika ta' passaport tas-servizzi

[Il-komunikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem u l-kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu disponibbli fir-reġistru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu miżmum mill-EBA;

— il-LEI tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu;

— id-dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li twettaq attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti fil-qafas tal-eżerċitar tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.]

[Dettalji ta' kuntatt]"